# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 7 ta' Novembru tas-sena 2001.**

**Numru 14**

**Avviz numru 70/01/SM**

**Middle Sea Insurance p.l.c. kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat tieghu Mariella Cassar Dobreva**

**vs**

**Michelle Carr**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat il-31 ta' Jannar tas-sena 2001 li permezz tieghu s-socjeta' attrici nomine sejhet lill-konvenuta quddiem din il-qorti sabiex tghid ghaliex m'ghandiex:**

**1. Tiddikjara lill-konvenuta responsabbli ghad-danni kollha sofferti mis-socjeta' attrici bhala konsegwenza tal-incident tat-traffiku li gara bejn l-istess konvenuta u Mariella Cassar**

**Dobreva, is-sewwieqa tal-vettura numru JBB 301, u li sehh fit-23 ta' Frar 2000 gewwa San Giljan waqt li l-konvenuta kienet qed isuq il-vettura LAD 906 b'mod traskurat u negligenti u b'nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-Traffiku;**

2. **Tillikwida d-danni sofferti mis-socjeta' attrici fl-ammont ta' tlett mija u tletin Lira Maltin u erba' u sittin centezmi (LM330.64,0) jew ammonti ohra verjuri okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi;**

3. **Tikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta' attrici dik is-somma li tigi hekk likwidata bl-imghaxijiet mid-data tan-notifika ta' Ittra Ufficjali datata 6 ta' April, 2000;**

4. **Bl-ispejjez komprizi dawk tal-parir (LM15.00,0) u ta' Ittra Ufficjali tas-6 ta' April 2000 kontra l-konvenuta li tibqa minn issa ingunta ghas-subizzjoni, u kif ukoll bl-ispejjez ta' Ittra Ufficjali indirizzata lill-assikurazzjoni tal-konvenut u ipprsentatat kontestwalment ma dan l-avviz;**

**Rat in-nota tal-eccezzjonijiet datata t-12 ta' Frar tas-sena 2001 li permezz taghha eccepiet is-segwenti:**

1. **L-ewwel talba tas-socjeta' attrici ghandha tkun respinta billi l-incident awtomobilistiku in kwistjoni ma garax tort tal-eccipjenti izda gara htija ta' Mariella Cassar Dobreva assikurat tas-socjeta' attrici;**

2. **Ghalhekk it-tieni talba tas-socjeta' attrici kif dedotta kontra l-eccipjenti ghandha tkun michuda billi ma hemmx danni x'jigu likwidati favur is-socjeta' attrici;**

3. **Isegwi li anke t-tielet talba tas-socjeta' attrici ghandha tkun rigettata billi l-eccipjenti m'ghandhiex tkun ikkundannata thallas danni;**

4. **Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi;**

**Semghet ix-xhieda prodotta;**

**Rat id-dokumenti esebiti;**

**Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:**

1. **Illi l-incident awtomobilistiku de quo sehh fil-gurnata u hin indikati fl-avviz odjern bejn il-vettura tal-marka Fiat Punto bin-numru ta' registrazzjoni JBB – 301 misjuqa minn Mariella Cassar Dobreva u l-vettura tal-marka Subaru bin-numru ta' registrazzjoni LAD – 906 misjuqa mill-konvenuta Michelle Carr;**

2. **Illi jirrizulta li l-konvenuta kienet wara xarabank tal-linja fil-post indikat fl-avviz u meta, wara li harset fil-mera u xeghelet l-"indicator" ipprovat taghmel manuvra ta' sorpass, giet Cassar Dobreva minn wara u sehhet il-kollizjoni;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi hu principju ormai assodat li konducent li jkun qieghed jaffettwa manuvra ta' sorpass irid ikun ghamel il-kalkoli tieghu tajjeb biex ma jkunx ta' perikolu ghalieh u ghal terzi;**

**Illi hu manifestament ovvju li Cassar Dobreva, tenut kont id-djuq tat-triq in dizamina u l-volum tat-traffiku involut, ma kienux jimmeritaw li Cassar Dobreva  tazzarda dan is-sorpass;**

**Ghaldaqstant, in vista tal-premess din il-qorti filwaqt li takkolji l-eccezzjonijiet tal-konvenuta tichad it-talbiet tas-socjeta' attrici nomine, bl-ispejjez.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**